# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2342

**Kaz Numru 3168/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Anthony Cristina (ID No: 24862M)**
**u**
**S8S Limited (C36990)**
**Signal 8 Security Services Malta Limited (C54368)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 14 ta' Jannar, 2015.**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Anthony Cristina fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar t-22 t'Ottubru, 2013, fejn sostna li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma saritx ghal raguni mhux valida skond il-ligi s-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret fuq bazi ta' dixxiplina.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi, primarjament minhabba li meta dan il-kaz kien gie assenjat lilu f'Gunju, 2014, wara li c-Chairperson precedenti kienet laqghet talba ta' rikuza, kienu diga' ghaddew aktar minn 5 xhur mill-bidu tas-smiegh, u anke minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Anthony Cristina li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Abigail Critien.

S8S Ltd., u Signal 8 Security Services Malta Ltd., li minn issa l-quddiem ser jissejjhu s-Socjetajiet Intimati kienu rraprezentati minn Josef Cuschieri u Joseph John Grech assistiti minn Gejtu Vella.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

Anthony Cristina kien beda jahdem mall-kumpanija S8S Ltd fil-bidu bhala Security Guard a bazi *part-time* fl-1 ta' Lulju, 2013, u wara qaleb *full time* .

Nhar il-Gimgha 30 t'Awwissu, 2013, huwa kien assenjat li jahdem *night duty* fil-Forti Sant'Anglu. L-ghada filghodu ghall-habta tas-06.15, Cristina telaq minn fuq ix-xoghol meta ra li ma giex Security Guard iehor sabiex jissosstitwih.

Meta fis-06.15 fuq il-post wasal is-Security Guard James Aquilina ma sabx lill-gwardjan li hu kellu jibdel.

Konxji minn dan il-fatt, nhar it-2 ta' Settembru, 2013, il-*Management* hareg '*letter of charge'* lil Cristina fejn kien qed jigi akkuzat *b'serious misconduct.* Wara li saret laqgha li fiha kien hemm jassisti lil Cristina rapprezentant tal-*Union* tieghu, il-*Managment* permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru, 2013, informa lil Cristina li l-kumpanija kienet tilfet il-fiducja fih u li kien qed jintemmlu l-impjieg b'mod immedjat.

L-impjieg tieghu gie mitmum b'sehh mit-2 ta'Settembru, 2013.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Joseph John Grech** CEO, xehed li l-kumpaniji joffru servizzi ta' sigurta lil Heritage Malta. Qal li kienu gew infurmati li post tax-xoghol partikolari fejn kienu qed jigu offruti dawn is-servizzi thalla ghal xi hin minghajr sorveljanza. Dan gie rrapurtat minn James Aquilina, gwardjan iehor ta' l-istess kumpanija meta mar biex jibda x-xift tieghu.

Ix-xhud kompla li meta huwa kien kellem lill-Appellant it-Tnejn ta' wara, dan kien qallu li huwa veru kien telaq qabel gie l-iehor u li dan kien telaq fis-6.15. Dan meta skont rapporti tal-*Operations*, l-Appellant kellu jinbidel fis-7.00.
Ix-xhud qal li Aquilina kien qallu li l-Appellant kien cempillu fejn issugerilu sabiex ma jghidx li ma kienx sabu fuq il-post tax-xoghol.

**Ivan Cilia** xehed li huwa *Operations Manager* mas-Socjetajiet Intimati, fejn spjega li parti mix-xoghol tieghu huwa li jaghmel ir-*rosters* ta' l-impjegati. Qal li l-Appellant, il-Gimgha 30 t'Awwissu kien assenjat li jahdem *night duty* fil-Forti Sant'Anglu u dan sas-7 ta' fil-ghodu ta' l-ghada, fejn kellu jigi jibdlu James Aquilina. I-xhud kompla li meta dan Aquilina dahal xoghol sab li ma kienx hemm gwardjan u dan irraporta bil-kaz lilu. Ix-xhud kompla li huwa nforma b'dan lill-*General Manager* Josef Cuschieri. F'seduta ta' wara, x-xhud qal li r-roster normali ta' Sant'Anglu kien mis-18.00 sas-06.00 u vici-versa.
Ix-xhud spjega li kull gwardjan huwa mitlub icempel nhar ta' Sibt bejn it-8.30 u s-13.00 u jinghata r-*roster* tal-gimgha, fejn ikunu nfurmati kemm bil-lok fejn ser jahdmu u anke ix-xift bil-hinijiet specifici.
Ix-xhud kompla jispjega li jekk ghal xi raguni xi gwardjan ma jirrapurtax ghax-xoghol fil-hin mistenni, l-gwardjan li suppost jinbidel icempel u jinforma li l-gwardjan li suppost kellu jigi sabiex jibdlu kien ghadu ma giex.
Ix-xhud qal li kull gwardjan kien ikun infurmat b'din il-procedura.
Fil-kaz li dwaru tinkwadra il-kwestjoni, l-Appellant ma kienx cempillu.

**Josef Cuschieri** xehed li malli sar jaf b'dan l-incident ghamel l-investigazzjonijiet sabiex jistabilixxi ezatt x'kien gara. Qal li kien irrizultalu li gwardjan kien nizzel fil-*log book* li kien gie mibdul minn gwardjan iehor u dan ma kienx minnu. Gwardjan iehor li jaghmel certa supervizjoni fuq l-operat minn *site* differenti, jkun illogja dak li jkun sehh fuq *log book* iehor.
Ix-xhud kompla li huwa kien infurmat li meta Aquilina wasal fuq il-post tax-xoghol fis-6.15 huwa ma sab lil hadd, mentri l-Appellant kien qal lis-CEO li huwa kien telaq fis-6.15. Xi haga li ma setghetx tissuciedi ghaliex li kieku kien hekk Aquilina kien jarah lill-Appellant, sostna x-xhud.
Ix-xhud sahaq li l-Appellant ma kellu l-ebda dritt jillarga minn fuq il-post tax-xoghol qabel jinbidel ghaliex dan seta kellu konsegwenzi serji.

Ix-xhud qal li l-ghada li sehh dan kollu l-Appellant  rega’ kien xoghol fl-istess lok, fejn irrizulta li entratura fil-*log book* kienet giet imbghabsa b’tali mod li ma setghetx tinqara. Qal ix-xhud, li meta entratura tkun trid tigi ngassata, dan isir billi jithazzez *line* pulit b’tali mod li l-kitba ta’ taht xorta tkun tista tinqara.
Ix-xhud sahaq li kull gwardjan huwa fid-dover li ma jillargax minn fuq il-post tax-xoghol qabel jigi mibdul mir-*reliever*. Ix-xhud qal li wara li kien konxju bid-dettalji tal-kaz in kwistjoni, hareg *notice of charge* lill-Appellant, fejn tah ic-cans jaghti l-verzjoni tieghu u dan anke fil-presenza ta’ persuna tal-preferenza tieghu. Hekk sar u l-Appellant ammetta li dakinhar kien telaq minn fuq il-post tax-xoghol minghajr ma kien inbidel.
Ix-xhud stqarr li kien huwa li hareg ic-*charge* u kien ukoll hu li kien iddecieda li jintemm l-impjieg tal-Appellant.
Ix-xhud spjega li peress illi x-xift ikun ta’ tnax-il siegha, gwardjan ikun impjegat l-ewwel tmien sieghat ma’ kumpanija u t-tieni erba’ sieghat ma’ kumpanija ohra. Ix-xhud stqarr li dan isir bl-awtorizzazzjoni tad-DIER.
Fil-kaz in kwistjoni kompla jispjega x-xhud, l-Appellant hadem l-ewwel tmien sieghat mas-Signal 8 Security u r-rimanenti 4 sieghat ma’  l-S8S.
Ix-xhud qal li huwa kien iddecieda li jittermina l-impjieg tal-Appellant ghaliex il-*behaviour* tieghu dakinhar kienet irresponsabbli u setghet tesponi lill-kumpaniji ghal cirkostanzi dannuzi.
Fuq mistoqsija tat-Tribunal ghaliex jekk fit-*termination letter* datata 4 ta’ Settembru, 2013, hemm indikat li l-impjieg gie mitmum b’effett immedjat, kif allura fid-dokument ta’ l-ETC hemm indikat li l-impjieg gie mitmum fit-2 ta’ Settembru, 2013? Ix-xhud wiegeb li huwa ma jiehux hsieb il-mili ta’ tali dokumentazzjoni, pero’ jahseb li dik id-data tikkorrispondi ghad data ta’ meta gara l-incident.

**James Aquilina** xehed li huwa jahdem bhala *Security Guard* mas-Signal 8 Security. Qal li fil-31 t’Awwissu, 2013, huwa kien xoghol fil-Forti Sant’Anglu fejn minkejja li x-xift kien jibda fis-7.00 huwa kien dahal xoghol fis-6.15. Qal li huwa beda jsejjah lis-Security pero’ ma beda jirrispondih hadd. Ix-xhud kompla li fis-7.05 cemplulu minn Bighi, fejn filwaqt li identifika ruhu, gharraf li meta dahal ma sabx lis-*security* ta’ qablu. Qal li filwaqt li huwa ma ffirmax il-*handover*, fil-*log book* nizzel li meta dahal xoghol lis-*security* ta’ qablu ma sabux.
Ix-xhud wara spjega kif jikkalkula l-hlas li jkun ghandu jiehu, u dan billi jahdem  is-sieghat li jkun hadem f’gimgha, fejn allura l-ewwel 40 siegha ikun hadimhom mas-Signal 8 Security u l-bqija ikun hadimhom ma’ l-S8S.

**Anthony Cristina,** l-Appellant xehed li huwa kien qabad jahdem mas-Signal 8 Security wara li kien gie ntervistat minn Frank Bowman, fejn dam f'dan l-impjieg ghal-madwar 3 snin. Ix-xhud spjega li huwa kien mistenni li jahdem xiftijiet ta' 12 jew 16 il-siegha, pero' dejjem kien ried ikun *on call* sabiex jekk ikun mitlub jidhol xoghol.
Spjega kif kien johroglu *roster* ta' gimgha li kien ikun fih 60 siegha xoghol u gieli anke aktar jew anqas pero' dejjem *over* 50 siegha. Ix-xhud qal li huwa kien icempel sabiex jinghata r-*roster* u jiktbu fuq karta.
Spjega li l-hinijiet tax-xiftijiet kienu jvarjaw skont il-lok. Qal li x-xift ta' Sant'Anglu kien mis-6.00 sas-18.00 u 18.00 sas-6.00 ta l-ghada.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega li appena persuna tkun ingaggata mas-Signal 8 Security Services, tkun infurmata li sabiex hija tkun tista' tkun *available* li tahdem is-sieghat li tkun mistenni tikkaverja tkun trid tingagga ruhha ukoll mas-*sister company* u cjoe mas-S8S Ltd.
Ix-xhud irrakonta zewg episodji fejn wara lejl xoghol ma kien gie jibdlu hadd fis-6.00 ta' filghodu u fejn darba gie mibdul fit-8.00 u darb'ohra fis-7.30. Dan stqarru filwaqt li qal li huwa pprova jcempel lill-Awtoritajiet sabiex jinfurmahom li sal-hin li suppost kellu jitlaq hadd ma kien gie biex jibdlu.
Spjega li dakinhar tal-incident u cjoe fil-31 t'Awwissu meta ra li hadd ma kien gie jibdlu fis-6.00 haseb li ser jerga' jigri bhal ma kien gara fiz-zewg kazi ta' qabel u telaq. Huwa qal li dakinhar dan ghamlu minghajr ma pprova jcempel sabiex jinforma li hadd ma gie jibdlu, kif kien ghamel fiz-zewg episodji ta' qabel.
Ix-xhud qal li issa qed jinghad li min kellu jidhol warajh kellu jibdlu fis-7.00, pero' lilu hadd ma kien gharrfu b'dan.
Ix-xhud stqarr li qabel dan l-incident huwa qatt ma kellu xi *warning* jew *charges.*

**Joseph Saliba** rapprezentant tal-ETCipprezenta l-*Employment History* u *Engagement &Termination Forms* tal-Appellant u ta spjegazzjoni fuq mistoqsijiet li sarulu dwar il-kontenut taghhom.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Is-Sur Gejtu Vella** ghan-nom tas-Socjetajiet intimati beda biex qal li dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi dwar il-fatt li l-Appellant qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol meta xogholu propju hu li jipprotegi l-interessi ta' min jafda hwejjgu f'idejn il-kumpaniji li maghhom huwa mpjegat l-istess Appellant. Is-Sur Vella qal li jekk f'xi stanti l-Appellant hassu li l-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu kienu qed jigu mittiefsa dan seta' ghamlu billi rrikorra ghand il-Union tieghu jew mar jirraporta lill-Awtoritajiet kompetenti. Is-Sur Vella sahaq li l-Appellant huwa mpjegat bhala ufficcjal tas-sigurta ma' kumpanija ta' reputazzjoni u meta huwa qabad u telaq minn fuq il-post tax-xoghol ikkommetta xi haga gravi. Tant li bl-agir tieghu seta' tellef il-kuntratt li hija ghandha. Kuntratti, sostna s-Sur Vella li jintrebhu 'a bazi' tal-kwalita tas-servizz offrut. Is-Sur Vella wara ghadda sabiex spjega r-ragunijiet finanzjarji ghaliex l-impjegati huma ngaggati ma' zewg kumpaniji legalment distinti fejn sostna li dan sar fuq parir moghti mid-Direttur tax-Xoghol. Huwa temm it-trattazzjoni tieghu billi qal li bl-agir tieghu l-Appellant ntilfet il-fiducja fih miz-zewg kumpaniji u ghalhekk gie mitmum l-impjieg tieghu minn maz-zewg entitajiet.

**Dr.Abigail Critien** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi qalet li l-Appellant qatt ma gie mgharraf bil-miktub x'*roster* kien ser jahdem fejn allura din il-prassi ma kienetx taghmilha facli li wiehed jiftakar ir-*roster* ta' gimgha shiha. Dr.Critien fir-rigward ta' dakinhar tal-incident qalet li l-Appellant hadd ma kien qallu li kellu jibqa' jahdem sas-07.00. Dr. Critien sostniet li f'dan ix-xenarju huwa facli li mpjegat jiehu zball. Dr. Critien sahqet li l-Appellant qatt ma kellu kazi ta' dixxiplina precedenti u li dan kien kaz izolat. Dr. Critien ghalqet billi sahqet fuq l-argument li jekk l-Appellant kien inpjegat ma' zewg kumpaniji, u dakinhar tal-incident wettaq reat fil-konfront ta' kumpanija wahda, allura ghaliex tkecca mit-tnejn.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Minkejja d-diversi aspetti li tqajjmu mill-partijiet u li fihom saru argumenti interessanti, l-pern ta' din il-kwistjoni jibqa l-fatt li l-Appellant telaq minn fuq il-post tax-xoghol li kien qed jghasses meta dan il-lok kien ghadu '*unattended*'.

Huwa fatt, li dan l-att sar wara li l-hin tax-xift tal-Appellant kien gie fi tmiemu. Pero' huwa fatt ukoll li fil-proceduri tax-xoghol tieghu kellu direttiva li tghid li f'kaz li l-gwardjan li kellu jibdlu appena jispicca x-xift tieghu ma jitfaccax, l-Appellant kien fid-dmir li jikkuntattja lis-superjuri tieghu u jibqa' fuq il-lok tax-xoghol sakemm jigi gwardjan iehor. Direttiva li l-Appellant kien konsapevoli minnha.

L-Appellant stess qal fix-xhieda tieghu (Seduta-15/10/14) li huwa ma ghamel l-ebda kuntatt mas-superjuri tieghu meta ra li fi tmiem ix-xift hadd ma gie jibdlu.

Fl-istess seduta l-Appellant xehed ukoll li '…meta daqqu s-sitta l-hin tieghi, ninduna li ghadu ma gie hadd u ghidt din ha terga' tirrepeti u tlaqt.'

L-Appellant qal li agixxa hekk ghaliex f'zewg kazi simili precedenti ma kienetx facli li jaghmel kuntatt ma' xi hadd u meta fil-fatt tfacca gwardjan iehor sabiex jibdlu kien ghadda hafna hin. Stat ta' fatt li ma gie michud minn hadd. Pero' ghat-Tribunal dan l-agir m'huwiex wiehed skuzabbli.

Minn dan il-process, huwa ndikat li qabel ittiehdet id-decizjoni tat-temm tal-impjieg kienet saret laqgha bejn il-Management u l-Appellant, fejn kien prezenti wkoll rapprezentant tal-Union tieghu. It-Tribunal iqies dan bhala okkazjoni fejn l-Appellant kien inghata c-cans jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.

Matul dan il-process, gew imqajjma diversi materji li kienu jirrigwardjaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol ta' dan il-post tax-xoghol 'in kwistjoni', materji li kienu jvarjaw minn sieghat twal ta' xoghol, sa ngagg ta' persuna f'zewg impjiegi simultanji ma' zewg kumpaniji sussidjarji u dan bil-ghan li jigu minimizzati spejjez marbuta ma' sieghat li jkunu jaqbzu l-orarju propju. Fil-kuntest ta' dan il-kaz, it-Tribunal jistaqsi jekk wasalx iz-zmien li l-Legislatur flimkien mal-imsiehba Socjali fi hdan l-*Employment Relations Board*, jaghmlu revizjoni tal-*Wages Regulation Order* (Leg.Suss. 452.75) li tirregola dan il-qasam ta' xoghol partikolari. Revizjoni li tkun tirrispekkja l-ambjentazzjoni kurrenti tal-impjiegi fis-settur.

- **Decizjoni**

Sabiex wasal ghad decizjoni tieghu dwar dan il-kaz, it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta d-dokumenti pprezentati u dak kollu li ntqal matul dan il-process, u filwaqt li jinnota lakuni amministrattivi mhux zghar min-naha tas-Socjeta' ntimata, dawn ma jiskolpawx lill-Appellant mill-osservanza shiha tad-dmirijiet tieghu.

Ir-reat imwettaq minnu fil-kuntest tal-kariga sensittiva li jokkupa bhala ufficcjal tas-sigurta ma jistax ma jitqiesx bhala wiehed gravi.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg tal-Appellant kienet wahda gusta u sufficjenti.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**